MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 696/2010/1

**Peter u Madeleine, konjugi, Vella de Fremeaux**

**v.**

**Eagle Star (Malta) Limited (C-104) proprio u bhala agenti tas-socjeta` assiguratrici estera, Zurich Assurance Limited u
Eagle Star Insurance Company Limited (O.C. 21)**

**Il-Qorti:**

**1**. Dan hu appell minn sentenza parzjali moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Novembru 2011 li in

forza taghha dik il-Qorti ddisponiet mit-tieni eccezzjoni tas-socjeta` Eagle Star [Malta] Limited *pro et noe*, u mill-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` Eagle Star Insurance Company Limited, l-appellanti, billi cahdet dawn l-eccezzjonijiet dwar il-pagamenti maghmula lill-atturi, l-appellati, filwaqt li rrizervat li tippronunzja ruhha fuq l-ispejjez ghal gudizzju finali; u dan, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkonsidrat:-

“Il-presenti kawza qed issir minn Peter u Madeline konjugi Vella de Fremeaux kontra s-socjetajiet asikuraturi Eagle Star (Malta) Limited f’isimha propju u bhala agenti tas-socjeta’ assiguratrici estera, Zurich Assurance Limited u kontra Eagle Star Insurance Company Limited. L-imsemmija atturi qed jaghmlu diversi talbiet in konnessjoni ma zewg poloz ta’ assigurazzjoni, kuntrattati separatament minnhom mas-socjeta’ konvenuta Eagle Star Insurance Company Limited. L-imsemmija poloz illum immaturaw u l-atturi thallsu somma bhala l-valur tal-poloz in kwestjoni meta dawn immaturaw. L-atturi jsostnu dak li thallas lilhom ma kienx il-valur gust tal-istess poloz. Il-konvenuti kollha fl-ewwel lok eccipew li l-pagament li sar lill-atturi gie hekk effettwat ghas-saldu tal-ammonti dovuti u kwindi, skond il-konvenuti, l-obbligazzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti huma estinti ai termini tal-ligi u konsegwentement ukoll l-ebda ammont ulterjuri ma huwa dovut lill-atturi. Bl-imsemmi verbal tas-seduta tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2010 il-partijiet qabblu li l-ewwel ghandha tigi deciza din l-eccezzjoni.

“Il-fatti rilevanti rizultanti huma s-segwenti**:-**

“L-atturi l-konjugi Peter u Madeline Vella de Fremaux ikkuntrattaw separatament żewġ poloz tal-assigurazzjoni mas-soċjetà konvenuta Eagle Star Insurance Company Limited. Dawn il-poloz kienu tat-tip “with profits” fejn kull wiehed u wahda mill-atturi assiguraw is-somma ta’ ħmistax il-elf lira maltin (Lm15000). L-atturi jsostnu li kienu ġew informati li mal-maturazzjoni kienu ser jirċievu s-

somma garantita piu’ somma oħra li tirrapreżenta profitti ikkalkulati fuq “bonus rates” fissi.

“Ġara illi meta immaturaw il-poloz, l-atturi ma kienux sodisfatti bis-sommom li tħallsu lilhom mis-soċjetajiet konvenuti u, bil-preżenti kawża, qed jilmentaw illi s-soċjetajiet konvenuti naqsu li jhallsu il-valur reali u gust tal-poloz billi jidher li kienu tnaqsu l-ammonti tal-“bonus rates” li kienu gew lilhom iddikjarati meta ġew ikkuntrattati l-poloz.

“Il-poloz in kwestjoni mmaturaw fit-22 ta’ Settembru 2007 u ftit jiem qabel din id-data l-atturi gew infurmati mis-socjetajiet konvenuti, permezz ta’ ittra datata 10 ta’ Settembru 2007, li l-poloz kienu waslu biex jagħlqu u intalbu sabiex jaghtu xi informazzjoni sabiex ikun jista’ jsir il-ħlas lill-istess atturi tal-poloz in kwestjoni. L-atturi gew ukoll informati kemm kien ser jammonta dan il-pagament. L-atturi b’ittra datata 20 ta’ Settembru 2007 (fol 101) talbu li jiġi rivedut l-ammont offert peress li skond huma l-ammont indikat ma kienx korrett u inoltre qalu li “kien wieħed abbużiv.” Is-soċjetà konvenuta Eagle Star (Malta) Limited irrispondiet fl-20 ta’ Diċembru 2007 (fol 109) fejn tat spjegazzjoni tal-ammont offert.

“Nonostante li s-soċjetajiet konvenuti ma rċevewx l-imsemija informazzjoni mitluba, wara li l-poloz immaturaw l-imsemmija socjeta’ konvenuta Eagle Star (Malta) ħallset lill-atturi s-somma ta’ tmienja u sittin elf, tliet mija u tmien euro u disa’ u sittin ċenteżmu (€68,308.69) kull wiehed u dan b’zewg ċekkijiet datati 8 ta’ Ottubru 2008 (fol 112 u 114) “a saldu” tal-pretensjonijiet kollha tal-atturi rigward l-imsemmija poloz. In effett jirrizulta li l-imsemmija socjeta konvenuta kienet qed taghmel dan l-hlas “in full and final settlement of the maturity value.”

“Fis-17 ta’ Ottubru 2008 (fol 115) l-atturi infurmaw lis-soċjetajiet konvenuti li kienu ser issarrfu l-imsemmija cekkijiet u speċifikaw illi dawn iċ-ċekkijiet ma kienux qed jiġu aċċettati “in full and final settlement.”

"Bħala prova illi ċ-ċekkijiet fil-fatt issarrfu mill-atturi, s-soċjetajiet konvenuti ppreżentaw ukoll vera kopja ta' "bank statement" maħruġ mill-Bank HSBC Bank Malta plc li huwa il-kont bankarju tas-soċjetà konvenuta Eagle Star Malta Limited li juri li l-ammonti in kwestjoni gew effettivament imsarrfa mill-atturi.

"Inoltre l-atturi fil-11 ta' Dicembru 2008 ippresentaw protest gudizzjarju kontra s-socjetajiet konvenuti. B'dan il-protest l-atturi infurmaw lis-soċjetajiet konvenuti li kienu ser isarrfu ċ-ċekkijiet imsemmija pero' ghamluha cara li dan bl-ebda mod ma kien ifisser li c-cekkijiet qed jiġu aċċettati a saldu u ghalhekk fl-istess hin l-atturi żammew fermi d-drittijiet kollha tagħhom fosthom li jipproċedu ġudizzjarjament għall-bilanċ kollu li skond huma kien ghadu dovut lilhom.

"In konsegwenza ta' din l-eccezzjoni li ghandu jigi deciz huwa jekk ic-cekkijiet li nghataw lill-atturi ghas-saldu u li effettivament gew imsarfa b'hekk gietx estinta l-obbligazzjoni tas-socjetajiet konvenuti jew le u konsgwentement jekk ghad hemmx ammonti dovuti mis-socjetajiet konvenuti. It-tezijiet tal-partijiet dwar dan il-punt huma konflingenti.

"L-atturi jsostnu li huma setghu jsarrfu c-cekkijiet anke jekk dawn thallsu lihom "in full and final settlement" u dan mingħajr ma bl-ebda mod jippreġudikaw id-dritt taghhom li jitolbu kwalunkwe bilanċ li seta jkun ghadu dovut u dan jekk qabel ma gie msarraf ic-cekk saret protesta ċara u inekwivoka fis-sens li c-cekk kien qed jissarraf bla pregudizzju. Ghal kuntrarju s-socjetajiet konvenuti jsostnu li la darba l-hlas sar permezz ta' cekk "in full and final settlement" u l-istess cekk issarraf, konsegwentement tigi fi tmiemha l-obbligazzjoni esistenti bejn is-socjetajiet konvenuti u l-atturi.

**"Konsiderazzjonijiet legali**

"B'ittra datata 17 ta' Ottubru 2008 (fol 115) l-atturi infurmaw lis-soċjetajiet konvenuti li huma kienu ser issarrfu ċ-ċekkijiet imsemmija, pero speċifikaw illi dawn iċ-ċekkijiet ma kienux qed jiġu aċċettati "in full and final settlement." L-atturi jsostnu li ma rrinunzjawx għall-bilanċ li seta' kien lilhom dovut u għamluha ċara, qabel ma sarrfu ic-cekkijiet li l-ħlas ma kienx qiegħed jiġi aċċettat bħala wieħed a saldu u dan sar b'mod specifiku permezz tal-protest gudizzjarju gia imsemmi. Inoltre jirrizulta li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet fejn l-aturi ddikjaraw li ma kienux qiegħdin jaqblu mal-maturity value offert lilhom mis-socjetajiet konvenuti (vide fol.120, 122 u 127).

"Ma hemm'x dubju li, fil-kawża odjerna, s-soċjetà konvenuta Eagle Star ghamlitha cara lill-atturi li t-tip ta' pagament li hija kienet qiegħda toffri lill-atturi kien "in full and final settlement of the maturity value." Ghalhekk jista jinghad li l-imsemmija socjeta' konvenuta iddikjarat b'mod univoku u ċar li qed toffri l-pagament għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-atturi.

"Jidher li r-ragunament tas-socjetajiet konvenuti hu bbazzat fuq dak li gie ritenut fis-sentenza fil-kawza "William Apap vs Joseph Galea et nomine" deciza fis-26 ta'Novembru 1986 - Appell Kummercjali - u fejn intqal "illi jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif gie offert il-pagament u jaccettah b'kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma offerta ta' pagament a salodu."

"Din hi posizzjoni pjuttost rigida u ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel ma dak li intqal fl-imsemmija sentenza. Jidher pero' li l-gurisprudenza nostrana fil-maggior parti tal-kazijiet kwazi dejjem segwit il-posizzjoni kif delineata fl-imsemmija sentenza. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (per Imhallef Philip Sciberras) fil-kawza fl-ismijiet "Peter Attard vs Lawrence Fino et" tal-28 ta' Marzu 2008 fejn intqal li "l-Qorti ma tistax taqbel mal-posizzjoni rigida (tal-imsemmija

kawza “William Apap vs Joseph Galea”). Il-principju mhux assolut jew talment inflessibli li ma jippermettix deroga minnu f’cirkostanzi kongruwi.

“Kif taraha din il-Qorti f’kaz fejn id-debitur ma jkunx hallas dak kollu pretiz mill-kreditur tieghu, l-liberazzjoni tieghu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tieghu tista, ghall-fatt ta’ dik id-dikjarazzjoni ghas-saldu tissussisti jekk mic-cirkostanzi li fihom sar il-hlas tigi desunta l-espressjoni tal-volonta’ tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja ghall-kumplament. Rinunzja din, li kif eneuncjat f’bosta sentenzi, trid tkun wahda cara u univoka b’mod li mill-fatti ma tkunx tista tingibed kongettura ohra hlief il-propositu evidenti tar-rinunzja.(vide sentenza “Michele Tabone et vs Emanuele Sammut nomine”) u inoltre intqal “li hu presunt li min jaccetta cekk lilu mibghut fit-termini “in full and final settlement hu jghaddi biex isarrfu, jigi li accetta dak il-hlas f’dawk l-istess termini precizi eppure, jekk jigi muri li huwa tempestivament ipprotesta ghal pagamernt f’dik il-modalita’, l-accettazzjoni minu ta’ dak ic-cekk u s-sussegwenti tisrif tieghu ma kellux, umbghad, jigi rinfaccjat lilu bhala xi abdikazzjoni tad-dritt tieghu ghall-hlas tal-bilanc dovut.”

“Il-Qorti taqbel pjenament ma dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet “Peter Attard vs Lawrence Fino et.” Dak li intqal f’din l-ahhar kawza ghandu japplika ghall-kawza odjerna. Difatti l-fatti li taw lok ghal l-imsemmija sentenza jixbhu hafna dawk tal-kawza odjerna. Ma hemmx dubju li l-principju stabbilit fl-isemmija sentenza “William Apap vs Joseph Galea” m’ghandux jitqies li hu assolut u m’ghandux jigi applikat f’kull kaz fejn cekk “in full and final settlement’ jekk imsarraf ghandu jitqies li bih l-obbligazzjoni ta’ min hallas b’dan il-mod giet estinta. Hu ovvju, fil-kaz presenti, li l-atturi bl-ebda mod ma taw x’tifhem li kienet il-volonta’ taghhom li qed jirrinunzjaw ghall-kumplament tal-flus li jistghu jkunu dovuti lilhom. In effett hu zgur li ma tirrizultax b’mod car u univoku xi tip ta’ rinuzja tal-atturi. Anzi f’dan il-kaz l-atturi tempestivament, u cioe’ qabel ma sarrfu ic-cekkijiet in kwestjoni, ipprotestaw ghal pagamernt f’dik il-modalita’ u ddikjaraw li qed isarfu c-cekk minnghajr pregudizzju. Ghalhekk ma

jistax jinghad li meta l-atturi sarrfu c-cekk abdikaw id-dritt taghhom li jithallsu l-bilanc jekk tali bilanc hu effettivament dovut.

“Barra minn hekk il-konvenuti, meta baghtu lill-atturi c-cekk “in full and final settlement,” kienu konsapevoli mill-fatt li l-istess atturi kienu qed jikkontestaw l-ammont offert bhala l-valur tal-poloz in kwestjoni. Ghalhekk meta l-konvenuti ghazlu il-mod tal-pagament in kwestjoni, huma ghamlu att unilaterali u kwindi l-atturi b’att unilaterali iehor jistghu jimponu riserva u kundizzjonijiet marbuta mal-fatt li c-cekk gie minnhom imsarraf.”

**2**. Rat ir-rikors tas-socjetajiet appellanti li in forza tieghu, u ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

“…thassar u tirrevoka s-sentenza in parte tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Novembru, tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-ismijiet premessi minhabba nullita` bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-appellati, u tibghat lura l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex tkompli tigi trattata l-eccezzjoni tal-pagament, u fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha ma thassarx u tirrevokax l-istess sentenza in parte minhabba nullita`, joghgobha filwaqt li tilqa’ t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` appellanti Eagle Star (Malta) Limited u tas-socjeta` appellanti estera, Zurich Assurance Limited, rapprezentata mill-istess socjeta` appellanti Eagle Star (Malta) Limited, u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` appellanti Eagle Star Insurance Company Limited, rigwardanti l-pagament, u tichad it-talbiet kollha tal-appellati, thassar u tirrevoka s-sentenza in parte tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Novembru, tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.”

**3.** Rat ir-risposta tal-atturi appellati li in forza taghha, u ghar-ragunijiet hemm indikati talbu li din il-Qorti joghgobha:

“…tichad l-appell tas-socjetajiet appellanti, tikkonferma s-sentenza appellata moghtija nhar il-25 ta’ Novembru

2011, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetajiet appellanti, u tordna l-prosegwiment tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti."

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti ezebiti;

Ikkunsidrat:-

Il-Fatti

**5.** Illi dawn huma dettaljatament rapportati fis-sentenza fuq citata, u ghalhekk din il-Qorti ser tillimita ruhha ghall-fatti relevanti ghall-vertenza li tirrigawarda l-eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti dwar il-pagament maghmul minnhom lill-atturi.

**6.** Illi fit-22 ta' Settembru 1987, l-atturi kkuntrattaw separatament mas-socjeta` konvenuta Eagle Star Insurance Company Limited zewg poloz li kellhom jimmaturaw wara ghoxrin sena u li ghalhekk immaturaw fit-22 ta' Settembru 2007.

**7.** L-atturi ma qablux mal-*maturity value* ta' dawn il-poloz kif komputat mis-socjeta` konvenuta, u sostnew li s-somma dovuta lilhom kellha tinkludi *bonus rates* oghla minn dawk komputati, u li ghalhekk, skont huma, is-somma dovuta lilhom hija akbar minn dik offerta mis-socjeta` konvenuta. Ghalhekk kien jirrizulta car li, filwaqt li kien hemm ammont dovut lill-atturi li ma kienx kontestat, kien hemm ammont ulterjuri pretiz minnhom li kien kontestat mis-socjeta` konvenuta.

**8.** Matul it-trattattivi dwar din il-vertenza, is-socjeta` konvenuta offriet li thallas lil kull wiehed mill-atturi s-somma ta' €68,309.69 u fit-8 ta' Ottubru 2008 ghaddiet lil-atturi zewg *cheques* fl-imsemmi ammont b'ittra li tghid li l-pagament kien qed jigi offrut *"in full and final settlement of the maturity value*[1]*."*

[1] Fol.111 - 114

**9.** L-atturi nfurmaw lill-istess socjeta`, kemm b'ittra datata 17 ta' Ottubru 2008 kif ukoll bi protest gudizzjarju, li huma ma kienux jaqblu li l-pagament tal-ammont mghoddi lilhom kien ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghhom, u li huma kienu ser isarrfu c-*cheques* mibghuta lilhom minghajr pregudizzju ghall-ammont bilancjali pretiz minnhom.

**10.** Illi l-eccezzjoni sollevata mis-socjetajiet konvenuti hija fis-sens li dawn ma kellhom jaghtu xejn aktar lill-atturi stante li dawn, bit-tisrif tac-*cheques*, kienu accettaw il-pagament ghas-saldu.

**11.** Il-vertenza fir-rigward giet imfissra mill-ewwel Qorti hekk: "L-atturi jsostnu li huma setghu jsarrfu c-*cheques* anke jekk dawn thallsu lilhom *'in full and final settlement'*, u dan minghajr ma bl-ebda mod jippregudikaw id-dritt taghhom li jitolbu kwalunkwe bilanc li seta' jkun ghadu dovut, u dan jekk qabel ma gie msarraf ic-*cheque* saret protesta cara u inekwivoka fis-sens li c-*cheque* kien qed jissarraf bla pregudizzju. Ghal kuntrarju s-socjetajiet konvenuti jsostnu li la darba l-hlas sar permezz ta' *cheque 'in full and final settlement'* u l-istess *cheque* issarraf, konsegwentement tigi fi tmiemha l-obbligazzjoni ezistenti bejn is-socjetajiet konvenuti u l-atturi."

**12.** Illi l-ewwel Qorti ddecidiet fis-sens li, gialadarba kien jirrizulta car li bejn iz-zewg partijiet kien hemm dizgwid dwar il-*quantum* dovut lill-atturi mis-socjetajiet konvenuti, u gjaldarba, qabel ma l-atturi sarrfu c-*cheques* mibghuta lilhom, dawn ghamluha cara, kemm b'ittra kif ukoll permezz ta' protest gudizzjarju, li huma kienu ser jaccettaw il-pagament maghmul lilhom izda mhux ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghhom dwar l-ammont dovut lilhom, allura l-pagamenti li saru mill-konvenuti *'in full and final settlement'* ma jipprekludihomx legalment milli jipprocedu ghall-ammont pretiz minnhom.

**13.** Fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti osservat hekk: "Hu ovvju, fil-kaz prezenti, li l-atturi bl-ebda mod ma taw x'tifhem li kienet il-volonta` taghhom li qed jirrinunzjaw ghall-kumplament tal-flus li jistghu jkunu

dovuti lilhom. In effetti, hu zgur li ma tirrizultax b'mod car u univoku xi tip ta' rinunzja tal-atturi. Anzi f'dan il-kaz l-atturi, tempestivament, u cioe` qabel ma ssarrfu c-*cheques* inkwistjoni, ipprostestaw ghal pagament f'dik il-modalita` u ddikjaraw li qed isarrfu c-*cheque* minghajr pregudizzju… ….";

"Barra minn hekk il-konvenuti, meta baghtu lill-atturi c-cekks 'in full and final settlement' kienu konsapevoli mill-fatt li l-istess atturi kienu qed jikkontestaw l-ammont offert bhala valur tal-poloz in kwistjoni. Ghalhekk meta l-konvenuti ghazlu il-mod tal-pagament in kwistjoni,<u>huma ghamlu att unilaterali u kwindi l-atturi b' att unilaterali iehor jistghu jimponu rizerva u kondizzjonijiet marbuta mal-fatt li c-cekk gie minnhom imsarraf</u>."[2]

*Aggravji*

**14.** Illi l-ewwel aggravju tas-socjetajiet appellanti jirrigwarda punt procedurali, filwaqt li t-tieni aggravju jikkoncerna l-meritu, cioe` l-eccezzjoni dwar il-pagament maghmul mis-socjeta` konvenuta Eagle Star [Malta] Limited lill-atturi appellati.

<u>L-Ewwel Aggravju</u>

**15.** Illi permezz ta' dan l-aggravju l-konvenuti l-appellanti qed jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset li ssegwi l-principji tal-gustizzja naturali, bir-rizultat li gie lez fil-konfront taghhom u a pregudizzju taghhom id-dritt ta' *audi alteram partem*, meta dik il-Qorti naqset li taghtihom l-opportunita` li jaghmlu replika ghan-nota ta' sottomissjonijiet maghmula mill-appellanti, u dan meta l-kawza kienet thalliet ghat-trattazzjoni finali, bir-rizultat li naqas li jigi osservat il-principju tal-*equality of arms*, u ghalhekk ma kellhomx smigh xieraq.

**16.** Huma fissru l-aggravju taghhom hekk:

---

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti

"L-ewwel Qorti naqset fl-osservanza tal-principiipji li jirregolaw il-kuncett tal-gustizzja naturali, billi ma hallitx lis-socjetajiet appellanti jezercitaw id-dritt ta' replika li kien kompetenti lilhom b' ordni tal-Ewwel Onorabbli Qorti stess fil-verbal taghha tad-29 ta' Novembru, tas-sena 2010 …… [u] bil-konsegwenza ta' dan l-error judicis evidenti ma kellhomx l-opportunita' xierqa u shiha biex jiddefendu ruhhom kontra l-pretensjonijiet u s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, u dan bi ksur tal-principji ta' l-amministrazzjoni tajba tal-principju ta' audi alteram partem."

**17.** Min-naha taghhom l-atturi appellati, irrispondew hekk ghal dan l-aggravju:

"Il-partijiet kollha f' din il-kawza kellhom kull opportunita' li jesponu c-cirkostanzi kollha tal-kaz quddiem l-Ewwel Qorti kemm bil-prezentazzjoni tal-provi viva voce kif ukoll permezz ta' provi dokumentali……...L-appellanti seta' kellhom ukoll rimedju iehor dak in-nhar li deheru sabiex jaghmlu t-trattazjoni taghhom qabel ma jilmentaw b' nuqqas ta' smigh xieraq. Is-socjetajiet appellanti setghu, permezz tal-konsulenti legali taghhom, li kienu prezenti fl-awla, jitolbu lill-Ewwel Qorti sabiex tawtorizza s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dan immedjatament malli ndunaw li l-Onor.Imhallef li kien qed jippresjedi kien fil-fatt gja hejja s-sentenza. Tali talba kienet tkun wahda lecita fic-cirkostanzi, li kienet taghti wkoll l-opportunita' li l-appellanti jaghmlu s-sottomissjonijiet ulterjuri oltre n-noti, jekk dan kien dak lir riedu ……….pero' l-appellanti m' ghamlux oppozizzjoni f' waqtha dak in-nhar tas-seduta quddiem l-Ewwel Qoprti fejn imbaghat l-istess Qorti ghaddiet biex qrat is-sentenza."

**18**. Illi l-fatti relevanti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

**19.** Fl-udjenza[3] tad-29 Novembru 2010 il-partijiet konguntivament irregistraw li huma -

[3] Fol.93

"…..m' ghandhomx aktar provi dwar l-eccezzjoni illi l-atturi acccettaw li jsarrfu cekk mibghut lilhom mis-socjetajiet konvenut, u ddikjaraw li l-kawza tista' tibqa' differita ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni,[4] pero' il-partijiet jitolbu li jinghataw il-fakolta' li jipprezentaw nota ta' l-osservazzjonijiet." (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi wara dan il-verbali, l-ewwel Qorti tat is-segwenti digriet: "Il-Qorti takkorda lis-socjetajiet konvenuti sat-18 ta' Jannar 2011 biex jipprezentaw n-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, bil-visto tal-kontro-parti li jkollhom sat-28 ta' Frar biex ipprezentaw in-nota taghhom.

"Il-kawza giet differita ghall-prezentata tan-not[i] tal-osservazzjonijiet, u jekk ikun il-kaz[5], ghall-finali trattazzjoni ghal-25 ta' Marzu 2011"

(Sottolinear ta' din il-Qorti).

**20.** Illi kemm fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2011 u fl-udjenza sussegwenti tal-1 ta' Lulju 2011, "il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti."

**21.** Fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2011, li fiha nghatat is-sentenza *de quo* gie registrat hekk:

"Meta ssejhet il-kawza, dehret Dr.Cherisse Ellul ghall-atturi. Deher ukoll Ivan Muscat ghas-socjeta' konvenuta assistit mill-Professur A Muscat. Is-sentenza [recte:il-kawza] giet deciza in parte.", u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni.

**22.** Illi huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet:

[a] Illi fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2010, il-partijiet iddikjaraw li l-kawza "tista' tibqa' differita ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni" basta li jinghataw il-fakolta` li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet.

---

[4] Sottolinear tal-Qorti
[5] Sottolinear tal-Qorti

Minn dan isegwi li f'mohh il-partijiet, u allura anke f'mohh il-Qorti li laqghet it-talba taghhom, il-kawza kellha tibqa' differita ghas-sentenza. Dan jispjega ghaliex l-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet "u jekk ikun il-kaz, ghall-finali trattazzjoni." Mela l-intendiment kien li, wara li l-partijiet ikunu pprezentaw in-noti taghhom, il-Qorti kellha tghaddi ghas-sentenza, u biss "jekk ikun il-kaz" tithalla ghat-trattazzjoni finali. Huwa car li din l-ahhar frazi kienet intiza sabiex, jekk jitolbu, il-konvenuti jkollhom il-fakolta` li jittrattaw fuq in-nota responsiva tal-atturi.

[b] Illi s-socjetajiet konvenuti pprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fit-18 ta' Jannar 2011[6], filwaqt li l-atturi pprezentaw in-nota taghhom fit-28 ta' Frar 2011[7]. Din l-ahhar nota giet notifikata lid-difensur tas-socjetajiet konvenuti fit-3 ta' Marzu 2011.

**23.** Illi, mit-3 ta' Marzu 2011, ghalkemm il-kawza kienet giet differita darbtejn, il-konvenuti naqsu milli jitolbu lill-Qorti sabiex tawtorizzahom ipprezentaw replika, jew li jittrattaw fuq ir-risposta tal-atturi, izda huma baqghu passivi fir-rigward, ghalkemm ghaddew kwazi disa' [9] xhur mill-imsemmija notifika sal-25 ta' Novembru 2011, il-gurnata li fiha nghatat is-sentenza.

**24.** Inoltre, anke fl-istess udjenza, li fiha kien jidher car li l-ewwel Qorti kienet ser tippronunzja s-sentenza parzjali, ghalkemm kien hemm prezenti d-difensuri taz-zewg partijiet, inkluz dak tas-socjetajiet konvenuti, dawn baqghu passivi, u ma ghamlu ebda talba sabiex jigu awtorizzati jittrattaw dwar in-nota responsiva tal-atturi. Fl-assenza ta' tali talbiet, kemm fil-mori tad-differimenti, kif ukoll waqt l-udjenza, l-ewwel Qorti kellha ragun li tghaddi ghas-sentenza, kif wara kollox kien iddikjarat mill-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2010.

**25.** Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tikkunsidra bhala infondata t-tezi tal-appellanti li huma sofrew lezjoni ta' dritt

[6] Fol.153
[7] Fol.218

ta' smigh xieraq; u ghalhekk dan l-aggravju qed jitqies bhala mhux gustifikat.

It-Tieni Aggravju

**26.** Dan l-aggravju jirrigwarda l-pagamenti maghmula mis-socjeta` Eagle Star [Malta] Limited lill-atturi, kwalifikati minnha bil-frazi *'in full and final settlement'*, u l-accettazzjoni mill-atturi tal-istess pagamenti, kwalifikati minnhom bhala li qed issir minghajr pregudizzju ghall-ammont bilancjali pretiz minnhom.

**27.** Is-socjetajiet appellanti fissru hekk l-aggravju taghhom:
"… l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-kuncett ta' pagament li jkun gie offrut u jkun gie accettat a saldu, u fil-fatt applikat dawk il-principji b' mod erroneju u nkorrett fil-konfront tal-istess socjetajiet appellanti.

"….Illi l-ewwel Onorabbli Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li wasslet ghaliha fis-sentenza appellata, minkejja li rrikonoxxiet it-tezi tas-socjetajiet appellanti, kif ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, u minflok strahet biss fuq zewg sentenzi citati mill-appellati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, liema sentenzi gew ippronunzjati ricentement mill-istess Qorti presjeduta fiz-zewg kawzi mill-isttess Onorevoli Imhallef, fejn dik l-Onorabbli Qorti hadet posizzjoni diametrikament opposta ghal dak li konsistentement u ghal hafna zmien gie riaffermat mill-Qrati ohra, anke mill-Qorti ta' l-Appell fil-kompetenza taghha superjuri, u presjeduti minn diversi gudikaturi.

"…… Illi l-Qrati lokali dejjem affermaw illi d-debitur jista' jimponi kondizzjonijiet fuq pagament maghmul minnu, u f' kaz ta' pagament li jkun gie offert a saldu bhal fil-kaz odjern, u li sussegwentement ikun gie accettat mill-kreditur, dakil-kreditur jitqies li jkun qieghed jaccetta l-hlas that dawk il-kondizzjonijiet dettati mid-debitur tieghu. Konsengwentment, fil-mument li l-kreditur jaccetta l-hlas li jkun gie offrut mid-debitur a saldu, ikun qieghed jirrinunzja

ghad-dritt li jzomm ferm fuq xi pagament iehor li seta' kien qieghed jippretendi minghand id-debitur."

**28.** Illi in sostenn tal-bazi legali ta' dan l-aggravju, is-socjetajiet appellanti ccitaw diversi sentenzi[8], fosthom App.Kum. **William Apap v. Joseph Gasan et noe** deciza fis-26 ta' Novembru 1986 fejn gie affermat il-principju li "..jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kundizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu…… f'dan il-kaz il-konvenut akkompanja c-*cheque* b'ittra li ma thallix dubbju dwar x'mod ta' pagament kien qed jigi offert" bil-kliem *"In full and final settlement of all monies due to you from us".*

App[Inf][JF] **St.George's Park Company Limited v. Pace Bonello Eric pro et noe** *15/03/2002*; "… in tema legali u fejn ic-cirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qieghed isehh, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u ndubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minfok u jaccettah b'kundizzjonnijiet u b'rizervi li intrinsikament u necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu."

PA [RCP] **Fithome Limited v. Galaxy Holiday Resort** - *24/05/2001* "….jekk is-socjeta` attrici kellha pretensjonijiet ohra ma kellhiex issarraf ic-*cheque* mibghut mis-socjeta` konvenuta."

PA[JSP] **Raymond Bonnici noe v. Horace Tonna** *24/04/1992;* "Hu naturali li zball jew injoranza ta' ligi bl-ebda mod ma jistghu jiggustifikaw il-pretensjoni tal-konvenut li, effettivament, bl-eccezzjoni li taha, qed issostni li hu kellu kull dritt li jaccetta pagament ghas-

[8] Vide ukoll PA**.Frances Fava v. Anthony Ciantar** 26/02/2003;

saldu bhala pagament akkont b'decizjoni unilaterali tieghu u li setgha jaghmel dan sempliciment billi jikkomunika lid-debitur kif u taht liema modalita` hu sarraf ic-*cheque*. Pozizzjoni din legalment insostenibbli."

App. **Francis Penza v. John Mallia** *6/05/1991;* "In tema legali jinghad illi f'cirkostanzi normali[9] kif diga` osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha **W.Apap v. Joseph Gasan** 26/11/1986, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kundizzjonijiet u riservi li necessarjament huma nkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu[10]."

**29.** Min-naha taghhom l-atturi rrispondew ghal dan l-aggravju billi jghidu li huma jaqblu bis-shih mar-ragunament dettaljat li tat l-ewwel Qorti biex wasslet ghal konkluzjoni taghha li tichad l-eccezzjoni mressqa mis-socjetajiet appellanti.

L-ewwel Qorti tat spjegazzjoni cara hafna dwar ghalfejn hija ma kienitx lesta taddotta l-pozizzjoni rigida u nflessibbli moghtija f'sentenzi ohra dwar il-kwistjoni ta' hlasijiet a saldu:

"…Il-Qrati taghna qeghdin illum jikkonkludu illi l-fatt li debitur isostni li cekk ikun qed jigi offrut a saldu jista' ma jkunx raguni bizzejjed li twassal lill-attur sabiex jitlef kwalunkwe ammont li jista' legalment ikun ghadu dovut u dan, gialadarba issir protesta f'dan is-sens inekwivokabbli, u f' waqtha. Certament ma jistax jigi kkontestat li l-appellati hekk ghamlu f' dan il-kaz. Ipprotestaw b' mod inekwivokabbli u fil-mument opportun dwar il-fatt lil-pagament offrut lilhom mis-socjetajiet konvenuti ma kienx qed jigi accettat 'in full and final settlement'."

**30.** Isostnu li l-fatt li l-kreditur ikun ircieva dak il-pagament, anke b'dik il-kundizzjoni espressa, ma

[9] Sottolinear tal-Qorti
[10] Nru.694/73 – citata b' approvazzjoni fil-kawza **Raymond Bonnici v. Horace Tonna** [supra]

jimpedihx legalment milli jipprocedi ghall-bilanc pretiz minnu, kemm-il darba ma jirrizultax b'mod car u univoku li bl-accetazzjoni tieghu l-kreditur irrinunzja ghal kwalunkwe bilanc dovut, liema rinunzja trid tkun cara u univoka.

**31.** Huma ccitaw is-sentenzi[11] segwenti biex juru, li hemm gurisprudenza recenti li tqis bhala mhux assolut il-principju affermat fil-kawza fuq citata **William Apap v. Joseph Gasan et noe**;

App.[Inf.][PS] **Peter Attard v. Lawrence Fino** et *28/03/2008*:

"il-principju mhux assolut jew talment inflessibbli li ma jippermettix deroga minnu fic-cirkostanzi kongruwi…..f'kaz fejn id-debitur ma jkunx hallas dak kollu pretiz mill-kreditur tieghu, il-liberazzjoni tieghu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tieghu tista', ghal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni ghas-saldu, tissussisti jekk mic-cirkostanzi li fiha sar il-hlas tigi dezunta espressjoni tal-volonta` tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja ghall-kumplament. Rinunzja din li, kif enuncjat f'bosta sentenzi, trid tkun wahda cara u univoka b'mod li mill-fatti ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti ta' rinunzja." [ara ukoll *PA* **Michele Tabone v. Emanuele Sammunt** 10/10/1950]

App.[Inf.][PS] **Johann Schembri pro et noe v. Charlot Mifsud** *19/10/2005:*

"….ghalkemm in linea ta' massima hu prezunt li min jaccetta *cheque* lilu mibghut fit-termini *"full and final settlement"* u jghaddi biex isarrfu, jigi li accetta dak il-hlas f'dawk it-termini precizi, eppure jekk jigi muri li huwa tempestivament ipprotesta ghall-pagament b'dik il-modalita`, l-accettazzjoni minnu ta' dak ic-*cheque* u s-sussegwenti tisrif tieghu ma kellux, imbaghad jigi rinfaccjat lilu bhala xi abdikazzjoni tad-dritt tieghu ghal hlas tal-bilanc dovut."

---

[11] Vide ukoll ***PA[PS] Francis Ciantar et v. Norman Clews et*** 12/10/2005

Illi fis-sentenza App [Sup.] **Agius Marble Works Ltd. V. AX Construction Limited** *31/10/2007,* il-Qorti osservat li f'dan il-kaz il-kreditur iffirma *certificate of payment "in full and final settlement"* u li *"there are no pending issues"* izda ghamel hekk effett ta' zball, u l-Qorti qalet li l-kreditur ghad ghandu jithallas tax-xoghol addizzjonali maghmul minnu, minkejja dik id-dikjarazzjoni, peress li x-xoghlijiet ma kienux jikkonfiguraw fis-*certificate of payment*, u b'hekk il-kreditur kien gie ndott fi zball.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

**32.** Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirriafferma l-principju enuncjat mill-Qorti tal-Appell [sede kummercjali], li l-kreditur m'ghandux dritt ibiddel unilateralment il-modalita` ta' pagament offrut lilu mid-debitur; u ghalhekk mhuwiex legalment konsentit li, min jaccetta pagament kondizzjonat bi kliem li inekwivokabbilment jfissru li dak il-pagament kien qed jigi effettwat ghas-saldu, ibiddel il-modalita` ta' dak il-pagament.

**33.** Ghalhekk fil-kaz prezenti, meta kienet ghaddejja bejn il-partijiet il-vertenza dwar il-*quantum* tal-*maturity value* tal-poloz, il-fatt li s-socjetajiet appellanti ghamlu offerta lill-atturi billi baghtu *cheques* bhala pagamenti *"in full and final settlement"*, l-atturi kellhom ghazla: jew li jaccettaw dawk il-pagamenti bil-kundizzjoni marbuta maghhom, u b'hekk tigi rizolta l-vertenza, jew inkella jirrifjutaw il-pagamenti; izda zgur li legalment ma setghux, ibiddlu unilateralment il-modalita` tal-pagamenti offruti lilhom, u minn pagamenti ghas-saldu jiddikjaraw li qed jaccettawhom bhala pagamenti akkont tal-ammont pretiz minnhom. Huwa ghalhekk irrilevanti l-fatt li qabel ma l-atturi accettaw il-pagamenti mibghuta lilhom dawn ghamluha cara, kemm b'ittra mibghuta lis-socjetajiet konvenuta, kif ukoll bi protest gudizzjarju, li huma kienu ser jaccettawhom minghajr pregudizzju ghall-ammont bilancjali pretiz minnhom.

**34.** Illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li "meta l-konvenuti ghazlu l-mod tal-pagament inkwistjoni, huma

ghamlu att unilaterali u kwindi l-atturi b'att unilaterali iehor jistghu jimponu rizerva u kundizzjonijiet marbuta mal-fatt li c-*cheque* gie minnhom imsarraf." Din il-Qorti tossera li dan l-argument huwa legalment insostenibbli, stante li, filwaqt li s-socjetajiet konvenuti, bhala debituri, kellhom dritt li jaghmlu l-offerta taghhom kif ghamluha, ma kienx konsentit ghall-atturi, bhala kredituri, li jaccettaw l-offerta b'kundizzjonijiet differenti minn dawk kontenuta fl-offerta. Huma kellhom jaghzlu, jew jaccettaw l-offerta maghmula jew jirrifjutawha.

**35.** Illi l-atturi jsemmu kazistika ricenti li fiha l-Qorti tal-Appell [Inferjuri], u l-Qorti tal-Appell [Superjuri] fissru li l-principju enuncjat fis-sentenza **Apap v. Gasan**, fuq citata, mhuwiex wiehed assolut u jistghu jezistu cirkostanzi fejn ikun gust li l-Qorti thoss li ghandha tiddipartixxi minnu. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li jistghu jezistu cirkostanzi li jwasslu lill-Qorti gudikanti biex tiddipartixxi minn dan il-principju, imma dawn huma kazijiet eccezzjonali li l-fattispecie taghhom manifestament jirrendu dan il-principju inapplikabbli. Hekk, per ezempju fil-kawza **Agius Marble Works Ltd v. AX Construction Limited** kien hemm sitwazzjoni ambigwa, fejn il-pagament li sar lill-kreditur, ghalkemm kien dikjarat li kien qed jigi effetwat *"in full and final settlement"* lampantament ma kienx ikopri x-xoghlijiet addizzjonali li kienet wettqet is-socjeta` kreditrici, u ghalhekk kien jidher car li c-*certificate of payment* ma kienx jirreferi ghal dawn ix-xoghlijiet li ma kienux indikati fih.

**36.** Fil-kaz in dizamina dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali huma mankanti, u ghalhekk ghandu japplika l-principju fuq espost fir-rigur tieghu.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti tqis dan l-aggravju tas-socjetajiet appellanti gustifikat.

Decide

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi, filwaqt li tichdu inkwantu bazat fuq l-ewwel aggravju, tilqa' l-appell bazat fuq it-tieni aggravju, u tirrevoka s-sentenza appellata.

Tordna li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Qorti, sabiex tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez.

L-ispejjez ta' dan l-appell jigu sopportati mill-partijiet inkwantu ghal tlieta minn kwart [$^{3}/_{4}$] ikunu mill-atturi appellati, filwaqt li r-rimanenti kwart [$^{1}/_{4}$] jibqa' a karigu tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------